**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2017**

**Kawża Nru 3**

**Rikors Nru. 587/2016JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C-2833)**

vs

Edward u Liliana miżżewġin **PAĊE BALZAN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Lulju, 2016, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tal-1 ta' Awwissu, 2007, fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafa (u hawn esebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin Edward u Liliana Paċe Balzan (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi; u

(ii) Tikkundanna lill-imħarrkin Pace Balzan flimkien u "*in solidum*" jħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija u sbatax-il elf, tliet mija u ħdax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€117,311.88) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' l-istess imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B5" u Dokti "C1 sa C5") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Marzu, 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament, u kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar, 2015.

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Liliana Paċe Balzan waqt is-smigħ tat-8 ta' Novembru, 2016;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tal-1 ta' Awwissu, 2007, billi l-imħarrkin miżżewġin Paċe Balzan naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jolqtu ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u sbatax-il elf, tliet mija u ħdax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€117,311.88) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*"

tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mill-1 ta' Marzu, 2016, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Jannar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Jannar, 2017**